# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM it-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2023**

**Kawża Nru. 4 (Kost.)**

**Rik. Nru. 89/17JRM**

Mark **RANDON**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** illum magħruf bħala l-Avukat ta' l-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Ottubru 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal deċiżjoni fi żmien raġonevoli kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") minħabba t-tul ta' żmien li ttieħed biex proċeduri

mibdijin kontrih mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ntemmu b'sentenza li ħelsitu minn kull imputazzjoni biss wara erbatax-il (14) sena minn meta tressqu kontrih akkużi l-ewwel darba f'Jannar tal-2003; u (ii) tindirizza dan il-ksur b'kumpens xieraq taħt dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2017[1], li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ għat-12 ta' Diċembru, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat fl-20 ta' Novembru, 2017, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi warrab l-ilmenti tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Żied jgħid li, skond il-prinċipji li jgħoddu għall-każ f'ilmenti bħal dawn, wieħed irid iqis il-komplessità tal-każ, l-imġiba tal-partijiet u dik tal-awtorità rilevanti, f'dan il-każ dik ġudizzjarja, u dan b'qies tal-proċess kollu kemm hu. Huwa jgħid li l-fatt waħdu li r-rikorrent inħeles mill-akkużi mressqa kontrih ma jnissilx il-ksur li jilminta minnu, u ma jidhirx li l-elementi msemmija aktar qabel iwasslu biex juru li l-każ tiegħu dam ma nqata' fi żmien mhux raġonevoli. Temm jgħid li, f'kull każ, jekk kemm-il darba din il-Qorti tasal biex issib li l-każ tar-rikorrent tassew ħa żmien mhux raġonevoli biex ingħalaq, ir-rimedju li għandha tagħtih għandu jkun wieħed ta' kumpens għad-danni morali u mhux ukoll għad-danni materjali;

Rat il-provi u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' April, 2018[2], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-Sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fid-29 ta' Mejju, 2018[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat fl-10 ta' Lulju, 2018[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża, flimkien ma' dawk relattivi għall-atti tal-Akkuża Numru 78/03 (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Akkuża");

Rat il-verbali li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

[1] Paġ. 4 tal-proċess
[2] Paġ.33 tal-proċess
[3] Paġġ. 35 sa 46 tal-proċess
[4] Paġġ. 47 sa 50 tal-proċess

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fil-qafas ta' proċediment kriminali mniedi kontra r-rikorrent li, wara snin li nfetaħ, ingħalaq b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ħelset lill-istess rikorrent minn kull xilja u akkuża mressqa kontrih. Ir-rikorrent jgħid li d-dewmien f'dawk il-proċeduri ma kienx wieħed raġonevoli, ukoll meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu, u li minħabba fih ġarrab danni u ħsara kemm f'saħħtu u kif ukoll fin-negozju li kellu qabel ma nbdew;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' billi warrab l-ilmenti tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Żied jgħid li, skond il-prinċipji li jgħoddu għall-każ f'ilmenti bħal dawn, wieħed irid iqis il-komplessità tal-każ, l-imġiba tal-partijiet u dik tal-awtorità rilevanti, f'dan il-każ dik ġudizzjarja, u dan b'qies tal-proċess kollu kemm hu. Huwa jgħid li l-fatt waħdu li r-rikorrent inħeles mill-akkużi mressqa kontrih ma jnissilx il-ksur li jilminta minnu, u ma jidhirx li l-elementi msemmija aktar qabel iwasslu biex juru li l-każ tiegħu dam ma nqata' fi żmien mhux raġonevoli. Temm jgħid li, f'kull każ, jekk kemm-il darba din il-Qorti tasal biex issib li l-każ tar-rikorrent tassew ħa żmien mhux raġonevoli biex ingħalaq, ir-rimedju li għandha tagħtih għandu jkun wieħed ta' kumpens għad-danni morali u mhux ukoll għad-danni materjali;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn <u>il-fatti ewlenin rilevanti</u>. F'Ġunju tal-2002, fuq rapport magħmul minn wieħed Ramon Mizzi għal Citadel Insurance p.l.c.[5] lill-Pulizija fil-konfront tar-rikorrent, il-Pulizija bagħtet għar-rikorrent fejn intalab jagħti kampjuni tal-firma tiegħu u għamlet ukoll tfittxija fl-uffiċċju tan-negozju tiegħu. Wara xi żmien, il-Pulizija arrestat lir-rikorrent biex tinterrogah u kien taha stqarrija fil-5 ta' Novembru, 2002[6], li għażel li jiffirmaha, imma ma kienx mgħejjun minn avukat meta ngħatat;

Illi fit-23 ta' Jannar tal-2003, b'taħrika maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva, ir-rikorrent kien mixli b'falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew kitba kummerċjali bi ksur tal-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali b'rabta ma' poloz ta' assikurazzjoni maħruġa minn Citadel Insurance p.l.c.; b'użu ta' atti, kitbiet jew skritturi foloz xjentement bi ksur tal-artikolu 184 tal-istess Kodiċi, u b'rabta ma' poloz ta' assikurazzjoni maħruġa minn Citadel Insurance p.l.c.; b'falsifikazzjoni ta' ċertifikati ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u dokumenti oħrajn tal-assikurazzjoni jew l-għoti ta' dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz bi ksur tal-artikolu 185(2) tal-Kodiċi Kriminali; talli nqeda xjentement mill-imsemmija ċertifikati ta' assikurazzjoni foloz bi ksur tal-artikolu 186 tal-istess Kodiċi; li

[5] Xhieda Spettur Alexandra Mamo f'paġ. 15 tal-Akkuża
[6] Dok "AM2", f'paġġ. 33 – 6 tal-Akkuża

dawwar għall-benefiċċju tiegħu nnifsu jew ta' ħaddieħor dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, jew li xjentement għamel stqarrija falza jew ta tagħrif falz bi ksur tal-artikolu 188 tal-istess Kodiċi; bi qligħ li jaqbeż l-erbgħin elf Lira Maltija (Lm 40,000) bi ħsara għal Citadel Insurance p.l.c. u oħrajn, billi għamel falsifikazzjoni ta' ċertifikati ta' assikurazzjoni u xjentement għamel użu minn dokument falsifikat, bi ksur tal-artikolu 189 ta' dak il-Kodiċi; b'mezzi kontra l-liġi jew b'użu ta' ismijiet jew kwalifiki foloz li wrew ħaġa b'oħra, bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310(1) ta' dak il-Kodiċi; b'approprjazzjoni indebita, billi dawwar għalih aktar minn Lm 40,000 li kienu afdati għandu bħala sub-aġent ta' Citadel Insurance p.l.c. u oħrajn, bi ksur tal-artikoli 293 u 294 tal-imsemmi Kodiċi; li naqas li jħares ordni leġittimu minn awtorità kompetenti jew xi ħtieġa leġittima, bi ksur tal-artikolu 47(1)(d) tal-Kapitolu 404 tal-Liġijiet ta' Malta; b'nuqqas ta' ħarsien ta' xi ordni leġittimu jew ħtieġa leġittima ta' xi persuna oħra, kif maħruġa b'regolamenti taħt l-artikolu 47(1)(f) tal-istess Kapitolu 404 tal-Liġijiet ta' Malta; u talli bla raġuni tajba fil-liġi biddel, żamm għandu, ħeba, qered jew irrifjuta li jressaq dokumenti leġittimament meħtieġa għal-għanijiet tal-artikolu 47(1)(ġ) tal-istess Kap 404, bejn Jannar tal-1999 u Novembru tal-2002;

Illi meta tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-20 ta Ġunju, 2003, fl-atti tal-kawża ***Il-Pulizija (Spettur Alexandra Mamo) vs Mark Anthony Randon***, ir-rikorrent wieġeb li ma kienx ħati tal-ebda waħda mill-akkuża mressqa kontrih[7]. Dakinhar ukoll il-Prosekuzzjoni talbet żieda fis-sens li l-akkużi fuq imsemmija kienu qegħdin jitressqu kemm kontrih personalment u kif ukoll fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-kumpannija Shield Services Limited[8];

Illi dik il-Qorti semgħet ix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni waqt is-smigħ tal-20 ta' Ġunju, 2003 u dik tas-17 ta' Lulju, 2003, u fi tmiem it-tieni smigħ dik il-Qorti sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, u bagħtet l-atti tal-kumpilazzjoni għand l-Avukat Ġenerali[9];

Illi minn Settembru tal-2003 sa Mejju tal-2005, għal tnax-il (12) darba, l-Avukat Ġenerali bagħat rinviju biex jitlob lill-Qorti tisma' x-xhieda hemm indikati (fir-rinviju tad-9 ta' Awwissu, 2004, il-lista ta' xhieda li l-Avukat Ġenerali talab li jinstemgħu minn dik il-Qorti kienet tgħodd għexur ta' xhieda[10]). F'dawk ir-rinviji kollha, instemgħu xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni biss f'żewġ smigħ – f'dak tas-7 ta' Lulju, 2004 u f'dak tad-19 ta' Jannar, 2006[11]. Fid-9 ta' Ġunju, 2005[12], l-Avukat Ġenerali ħareġ ordni taħt is-saħħa tal-artikolu

[7] Paġ. 9 tal-Akkuża
[8] Paġ. 12 tal-Akkuża
[9] Paġ. 362 tal-Akkuża
[10] Paġġ. 387 sa 390 tal-Akkuża
[11] Paġġ. 386 u 433 tal-Akkuża
[12] Paġġ. 446 – 9 tal-Akkuża

370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali biex il-każ jinstema' u jinqata' mill-Qorti tal-Maġistrati b'mod sommarju jekk kemm-il darba l-imputat jaqbel, u wara li ddefinixxa taħt liema artikoli kien akkużat bihom l-istess rikorrent, ordnat sostanzjalment li dik il-Qorti tisma' l-istess xhieda li kien indikalha fir-rinviji tiegħu qabel dakinhar;

Illi bejn is-6 ta' Lulju, 2005 u t-28 ta' Marzu, 2008, fil-każ inżamm tnax-il (12) smigħ li matulhom ma sar xejn[13], biex b'digriet mogħti waqt is-smigħ tat-30 ta' Mejju, 2008[14], dik il-Qorti ħalliet il-każ *sine die*. Kien biss b'rikors imressaq minnha fis-17 ta' Lulju, 2013 li l-Prosekuzzjoni talbet lil dik il-Qorti terġa' tqiegħed il-każ għas-smigħ, liema talba dik il-Qorti laqgħetha b'digriet tat-23 ta' Lulju, 2013[15], biex il-Prosekuzzjoni tressaq u tagħlaq il-provi li kellha;

Illi fl-10 ta' Ottubru, 2013, il-Prosekuzzjoni ressqet rikors ieħor quddiem dik il-Qorti biex titlobha tagħtiha aktar żmien biex tħarrek u tressaq ix-xhieda li kien għad fadlilha, imma b'digriet li ngħata fl-14 ta' Ottubru, 2013[16], dik il-Qorti ċaħdet it-talba u ordnat lill-Prosekuzzjoni biex tressaq ix-xhieda kollha li kien għad fadlilha fis-smigħ diġà ffissat tal-għada. L-ebda xhud ma tressaq dakinhar u, fil-15 ta' Ottubru, 2013[17], il-Qorti ħalliet il-każ għall-provi tad-difiża. Fis-smigħ tas-26 ta' Marzu, 2014[18], id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq. Wara dakinhar, saru sitt (6) smigħ oħra li fihom ma sar xejn jew kien hemm differiment[19];

Illi b'ordni mogħti mis-Sinjurija Tiegħu l-Prim'Imħallef fit-30 ta' Ġunju, 2015[20], il-każ ġie assenjat lil Maġistrat ieħor billi, sadattant, il-Maġistrat ta' qabel inħatret Imħallef;

Illi fis-smigħ tat-3 ta' Marzu, 2016 u tal-15 ta' Mejju, 2016[21], il-partijiet eżentaw lil dik il-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda li kienu nstemgħu sa dakinhar mill-Maġistrat ta' qabel. Fis-smigħ tat-12 ta' Ottubru, 2016[22], dik il-Qorti tat lill-Prosekuzzjoni żmien biex tressaq bil-miktub is-sottomissjonijiet tagħha dwar il-każ u ħalliet il-każ għat-12 ta' Jannar, 2017, biex issir it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat tal-imputat u, jekk ikun il-każ, tal-avukat tal-parti ċivili. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx in-Nota tagħha u, minkejja li b'digriet mogħti minn dik il-Qorti fis-27 ta' Diċembru, 2016[23], fuq rikors imressaq mill-

---

[13] Paġġ. 450 sa 469 tal-Akkuża
[14] Paġ. 470 tal-Akkuża
[15] Paġ. 472 tal-Akkuża
[16] Paġ. 474 tal-Akkuża
[17] Paġ. 475 tal-Akkuża
[18] Paġ. 479 tal-Akkuża
[19] Paġġ. 480 – 7 tal-Akkuża
[20] Paġġ. 489 tal-Akkuża
[21] Paġġ. 495 – 6 tal-Akkuża
[22] Paġ. 497 tal-Akkuża
[23] Paġ. 500 tal-Akkuża

Prosekuzzjoni dakinhar stess, tawlitilha ż-żmien biex tressaq is-Sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, dawn baqgħu ma tressqux;

Illi sadattant, fis-smigħ tal-15 ta' Marzu, 2017, il-Qorti tal-Maġistrati rregolarizżat xi aspetti proċedurali marbuta mal-ordni tar-rinviju u dwar dikjarazzjonijiet mill-partijiet dwar it-tressiq ta' aktar provi mingħandhom, u semgħet it-trattazzjoni fil-fomm tal-avukat tal-imputat u tal-avukat tal-parti ċivili. Dakinhar, il-Qorti ħalliet il-każ għas-sentenza għall-20 ta' Ġunju, 2017[24];

Illi fl-20 ta' Ġunju, 2017[25], il-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza studjata tagħha li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, illiberat lir-rikorrent mill-ħtija dwar kull akkuża li tressqet kontrih. Minn dik is-sentenza ma tressaq l-ebda appell;

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fit-30 ta' Ottubru, 2017;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbuta mal-każ, il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda t-tul ta' żmien li l-każ tiegħu dam miexi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sa ma ngħatat is-sentenza li biha nħeles minn kull ħtija u piena dwar l-akkużi mressqin kontrih. Iqisu li dan id-dewmien wassal għal telf kbir fil-ħajja tax-xogħol tiegħu fin-negozju li huwa kellu fil-qasam tal-assikurazzjoni, u ġablu wkoll ħsara f'saħħtu u fil-fama tiegħu ma' dawk midħla ta' dak in-negozju. F'dan kollu, huwa jilmenta minn ksur taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u wkoll taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid li r-rikorrent ma jista' jilmenta bl-ebda mod minn xi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;

Illi l-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tqis l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kemm taħt l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni flimkien, minkejja li ż-żewġ dispożizzjonijiet mhumiex bħal xulxin daqsinsew;

Illi, qabel xejn xieraq jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna*

[24] Paġġ. 502 – 3 tal-Akkuża
[25] Paġġ. 509 sa 548 tal-Akkuża

*akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li jgħodd fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata[26];

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-parti rilevanti għal din il-kawża jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'*"[27];

Illi ngħad ukoll b'awtorità mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[28];

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[29]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli bi ħsara ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa

---

[26] P.A. (Kost) AE **21.2.2014** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Godwin Muscat*** (mhix appellata)
[27] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[28] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)
[29] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)

ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa u maqtugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[30];

Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[31]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "*... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]*"[32]. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]*"[33];

Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[34], magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[35]. Ta' min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli kriminali ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa

---

[30] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** f'paġ. 23)
[31] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[32] Ara QEDB **28.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. vs Italja*** (Applik. Nru. 35265/97) § 18
[33] Ara QEDB **19.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Culjak vs Kroazja*** (Applik. Nru. 58115/00) § 63
[34] Ara QEDB **6.5.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Buchholz vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 7759/77) § 49
[35] Ara QEDB **25.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gast & Popp vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 29357/95) § 70

determinanti[36]. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[37];

Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropea kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness [**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[38]. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorità wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[39];

Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "*is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand*"[40];

Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kemm taħt il-Kostituzzjoni tagħna u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettività u l-kredibiltà tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunità ta' difiża xierqa w effettiva tant li jingħad li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*"[41]; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' inċertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew

---

[36] Kost. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***John A Said pro et noe vs Avukat Ġenerali***
[37] Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***
[38] Ara QEDB **01.07.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Pammel & Probsteiner vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 17820/91) § 69
[39] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 227
[40] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3
[41] Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – paġ 77

il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija[42];

Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("*dies a quo*") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l-għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti[43]. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("*dies ad quem*") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell[44];

Illi kif ingħad qabel, ir-raġonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża ma titkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt[45], imma trid titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, jingħad li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*"[46];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tgħaddi biex tqis jekk kemm-il darba fil-każ li għandha quddiemha kienx hemm tassew ksur tar-regola taż-żmien raġonevoli fil-każ li tmexxa kontra r-rikorrent. Jibda biex jingħad li l-proċediment kollu kontra r-rikorrent beda fit-23 ta' Jannar tal-2003 bil-ħruġ tat-taħrika kontra r-rikorrent, u s-sentenza li temmet dak il-proċediment ingħatat fl-20 ta' Ġunju tal-2017. Fi kliem ieħor, il-proċess kollu dam għaddej erbatax-il sena u nofs. Il-fatt waħdu li s-sentenza ħelset lir-rikorrent minn kull xilja ma jġibx li l-proċess kien wieħed fieragħ jew li sar b'mod vessatorju. Daqstant ieħor, li kieku s-sentenza sabitu ħati, l-ilment tiegħu kien xorta waħda jistħoqqlu jkun mistħarreġ;

Illi, fil-qafas tiegħu, il-każ ma kienx wieħed sempliċi, u l-għamla tax-xiljiet imressqa kontra r-rikorrent kienu, ukoll kieku l-proċess tmexxa b'għaqal, jitolbu stħarriġ b'reqqa minħabba aspetti delikati li jġibu magħhom. Mid-daqqa t'għajn, jidher li l-aktar fażijiet twal li taw sehem kbir biex il-proċediment kontra r-rikorrent twal ħafna kien iż-żmien li matulu saru r-rinviji

[42] P.A. (Kost.) TM **3.7.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***David Marinelli vs Avukat Ġenerali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**29.5.2009)**
[43] QEDB **25.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dobbertin vs Franza*** (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38
[44] QEDB **19.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelucci vs Italja*** (Applik. Nru. 12666/87) § 15
[45] Kost. **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***
[46] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228

mill-Avukat Ġenerali (minn Settembru tal-2003 sa April tal-2005) li fih, tista' tgħid, ma tressqux xhieda f'bosta minnhom; u kif ukoll iż-żmien ta' ħames snin u xahrejn li l-proċediment tħalla "*sine die*". Minn dawk l-atti joħroġ ukoll li x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni tressqu f'mhux aktar minn erba' (4) seduti, u b'mod partikolari fl-ewwel tnejn minnhom;

Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent huwa mistħoqq safejn il-proċediment meħud kontra tiegħu jirrigwarda l-mod kif il-Prosekuzzjoni mexxiet il-każ tagħha u meta l-affarijiet setgħu u messhom tmexxew mod ieħor u l-każ tiegħu tabilfors ma kienx idum ikarkar daqs kemm dam. Il-Qorti ssib ukoll li ma tistax taqbel mal-intimat meta jgħid li huwa ma jaħtix għal dan għaliex jgħid li l-Prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija Eżekutiva. Huwa minnu li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jitmexxa mill-Pulizija li wkoll jaqa' fuqha d-dmir tat-tqassim tal-atti għan-notifika. Madankollu, f'dan il-każ, il-ħtija ma kenitx daqstant għaliex il-Pulizija ma ħaffewx il-proċess, iżda minħabba li l-bosta xhieda li l-intimat talab li jinstemgħu baqgħu ma tressqu qatt. Hekk ukoll, minkejja ż-żmien xieraq mogħti mill-Qorti li quddiemha kien miexi l-każ, l-istess Prosekuzzjoni baqgħet qatt ma ressqet is-sottomissjonijiet miktuba tagħha u lanqas imqar dehret dakinhar li saret it-trattazzjoni tal-għeluq biex tgħid il-każ tagħha;

Illi kien sewwasew minħabba dan l-aspett li l-proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ddewwem u twal aktar minn dak li kien mistenni jew mixtieq. F'ċirkostanza bħal din, u minkejja r-raġunijiet li jistgħu jinġiebu 'l quddiem, id-dewmien fl-għeluq tal-proċediment (aktar u aktar proċediment ta' sura kriminali) iwassal għal ksur tal-jedd li l-każ jinstema' fi żmien raġonevoli[47];

Illi dwar l-imġiba tar-rikorrent innifsu tul il-medda taż-żmien li l-każ dam jitmexxa, l-intimat lejalment ma jqanqal l-ebda attribuzzjoni. Qari xieraq tal-atti rilevanti wkoll tixhed illi r-rikorrent ma tawwal bl-ebda mod il-proċeduri u l-Qorti, wara li fliet sewwa l-provi mressqa u qieset il-kronoloġija tal-fatti, ma ssibx li r-rikorrent kien b'xi mod ikkontribwixxa biex twal iż-żmien li ħadet il-kawża tiegħu. Bħalma kien il-jedd tiegħu, għażel li ma jixhidx u lanqas ressaq xhieda u dan iddikjarah minnufih wara li dik il-Qorti ddikjarat li kien għalaq iż-żmien għall-Prosekuzzjoni biex tressaq il-provi tagħha. Min-naħa l-oħra, filwaqt li s-sehem tal-parti akkużata fil-kejl tad-dewmien ta' proċeduri kriminali jista' jkun rilevanti biex wieħed iqis jekk kienx hemm kontributorjetà min-naħa tagħha, il-liġi ma tistenniex li l-istess akkużat jikkollabora attivament fil-proċedura li tista' twassal għas-sejbien tal-ħtija tiegħu[48] u lanqas ma għandu jkun kastigat li nqeda bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi[49];

---

[47] Kost. **3.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***; u P.A. (Kost) TM **16.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Onyeabor vs Avukat Ġenerali*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-**14.12.2015**)
[48] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.*, paġ. 607
[49] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali***

Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li, fil-każ konkret, kien hemm ksur tar-rekwiżit tas-smigħ xieraq f'għeluq żmien raġonevoli minħabba d-dewmien, u għalhekk **l-ewwel talba** tar-rikorrent sejra tintlaqa' kemm f'dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni u kif ukoll skond il-Konvenzjoni;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti sejra tqis ukoll it-tieni talba tiegħu dwar **ir-rimedju mitlub** mir-rikorrent. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li din il-kawża nfetħet wara li kienu ntemmu l-proċeduri kriminali. Bis-sentenza mogħtija, ir-rikorrent kien inħeles minn kull akkuża. La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru x'imisshom ikunu l-effetti ta' proċedimenti kriminali meta jinstab ksur tal-element tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Xi kittieba juru l-fehma li "*It would seem to ensue from this provision that, if the reasonable time has been exceeded and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the civil action and the criminal charge be declared inadmissible. However, in the Strasbourg case law a more flexible view has been adopted: 'an excessive length of criminal proceedings can in principle be compensated for by measures of the domestic authorities, including in particular a reduction of the sentence on account of the length of procedure'. ... in criminal procedures the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the reasonable time has been transgressed: another, more proportionate compensation should be awarded to the victim of the transgression*"[50];

Illi, fil-każ tal-lum, ir-rikorrent għal raġunijiet ovvji mhux qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza mogħtija fir-rigward tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jippretendi ħlas ta' kumpens xieraq minħabba li, sakemm dam għaddej il-proċediment kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ġarrab ħsara minħabba li isem il-kumpannija tiegħu ittebba' u l-ġieh tiegħu f'għajnejn dawk il-bosta li kienu assoċjati miegħu u l-klijenti tiegħu mar il-baħar minħabba l-akkużi li kienu għaddejjin kontrih. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jindika li l-effett taż-żmien li għadda biex intemmu dawk il-proċeduri wasslu fit-telf tal-liċenza li kellu mal-MFSA u kellu b'hekk itemm kull ħidma u esperjenza li kien rawwem fil-qasam tan-negozju tal-assikurazzjoni. Minbarra dan, il-ġrajjiet tal-kwestjonijiet li nqalgħu bejnu u Citadel Insurance p.l.c. ġabu magħhom tensjoni u dipressjoni[51], kien milqut minn diffikultà li jsib u jżomm impieg xieraq;

Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens

[50] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* paġ. 611

[51] Għalkemm ir-rikorrent isemmi l-proċeduri ċivili mnedija kontrih u Shield Services Ltd (Ċitazz. 1218/02JA - maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27.6.2018, imma appellata), din il-Qorti mhijiex qiegħda tqishom għall-għanijiet tal-ilment imressaq minnu f'din il-kawża u lanqas għar-rimedju li jrid jingħata

huwa fakultativ[52], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha[53]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skond l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjetà in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*"[54];

Illi fil-każ tal-lum ir-rikorrent ma ressaq l-ebda pretensjoni speċifika tal-kumpens li jippretendi. Il-Qorti jidhrilha li fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wara li qieset il-kriterji mħaddmin mill-Qorti ta' Strasbourg u mill-Qrati tagħna[55], hija tasal għall-fehma li għall-ksur tal-jedd imġarrab mir-rikorrenti ma tgħoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur iżda lanqas għandha ssir likwidazzjoni ta' danni kif isir fi proċediment ordinarju f'azzjoni għad-danni. Issib li jkun rimedju xieraq jekk ir-rikorrent jingħata kumpens morali. Meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti waslet għall-fehma li dan il-kumpens għandu jkun ħlas fis-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għalihom;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni talba billi tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma msemmija bħala kumpens morali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-mod kif tmexxa s-smigħ tal-kawża tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġab dewmien mhux mistħoqq fil-liġi u ssib li minħabba f'hekk huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif imħares kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

---

[52] K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4
[53] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et***
[54] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***
[55] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) GV **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Cassar vs L-Avukat Ġenerali*** u Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***

**Tilqa' t-tieni talba** billi tillikwida d-danni morali għall-ksur minnu mġarrab fis-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000) u tikkundanna lill-intimat iħallsu dik is-somma bħala kumpens għal tali ksur; u

**Tordna** lill-intimat iħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' Jannar, 2023**

**Josette Demicoli**
**Deputat Reġistratur**